Fit-Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur

Antonia Spiteri

vs

Fair Deal Furniture (Malta) Ltd

CCT 157/15-(B) MS

17 ta' Ottubru 2016

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti prezentat fl-20 ta' Lulu 2015 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' tlett elef Euro (€3,000) prezz ta' sufan three-seater, two-seater u pultruna, li xtrat minghand is-socjeta' intimata, li rrizultaw kienu difettuzi.

Ra l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata pprezentati fit-28 ta' Lulju 2015, fejn irrifjutat l-allegazjoni tar-rikorrenti fis-sens illi ma kien hemm xejn hazin fil-manifattura tal-ghamara pero kienet disposta illi ssewwi kull difett li seta' kien hemm.

Ra d-digriet tat-30 ta' Novembru 2015 fejn it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju fis-sens illi kellu jinqara "Fair Deal Furniture (Malta) Ltd."

Ra d-digriet tieghu tal-istess data fejn gie nominat espert tekniku (Vincent Ciliberti) sabiex jaghmel access fuq il-post, jezamina l-ghamara/ sufanijiet u jirrelata dwar il-kondizzjoni taghhom.

Ra r-relazzjoni tal-espert Vincent Ciliberti preżentata u maħlufa.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti kollha tal-process u sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri.

Ikkunsidra.

Irrizulta mill-provi u mhux kontestat illi r-rikorrenti xtrat set sufanijiet fit-3 ta' Novembru 2014 minghand is-socjeta' intimata bil-prezz ta' €3,000. (Dok X). Is-sufanijiet gew ikkonsenjati fis-26 ta' Marzu 2015 u r-rikorrenti hallset il-bilanc kollu dakinhar. Ir-rikorrenti tghid illi xi nofs siegha wara li telaq id-*delivery man*, indunat li kien hemm toqba fil-gilda u l-gilda ma kienx dritta kif suppost.

Cemplet lill-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li baghat lil xi hadd biex jinvestiga l-ilment tar-rikorrenti. Jidher illi r-rikorrenti ma kenitx kuntenta bl-ispjegazzjoni li tawha, tant li l-pultruna ittiehed lura fl-istabbiliment tas-socjeta' intimata. Is-socjeta' intimata irrikonoxxiet li kien hemm problema bil-pultruna li ppruvat tirrimedja, pero' ir-rikorrenti baqghet mhux kuntenta bil-prodott u talbet il-flus lura tas-sett kollu. Il-pultruna baqghet fil-pussess tas-socjeta' intimata.

Ikkunsidra

It-Tekniku nominat mit-Tribunal esprima opinjoni fil-konkluzjonijiet tieghu fis-sens illi la s-socjeta' intimata accettat li tiehu lura l-pultruna ghat-tiswija, dan huwa accetazzjoni manfesta li mhux kollox kien sewwa fir-rigward ta' din il-pultruna. Is-socjeta' intimata ma ghamlet ebda riklam dwar id-difett f'din il-pultruna, pero, ghal dak li jirrigwarda s-sufan offriet li tirrangah a spejjes taghha. Il-perit tekniku ikkonstata dawn id-difetti u ghamel kumment dwarhom fis-sens illi x-xogholijiet fuq is-sufanijiet mhumiex tal-livell mixtieq.

It-Tribunal seta' jikkonstata dawn id-difetti mir-ritratti esibiti fejn verament jidher hafna tikmix fejn il-gilda suppost tkun lixxa - huwa normali li jkun hemm tikmix fuq il-cushions peress illi l-gilda hija xi haga hajja li ticaqlaq. Pero' mhux normali tikmix fejn hemm il-lixx u c-catt kemm fil-gnub fuq in-naha ta' wara kif ukoll fil-parti t'isfel tas-sufan. It-Tribunal ghalhekk jaqbel mal-konkluzjoni milhuqa mill-espert tekniku fis-sens illi sar xoghol hazin fil-manifattura ta' dawn is-sufanijiet.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata li jirrifondi lill-rikorrenti s-somma ta' tlett elef Euro, ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Bl-ispejjes kontra l-isocjeta' intimata bi dritt li tiehu lura s-sufanijiet imsemmija.

Michela Spiteri LLD
Arbitru